MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 232/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited (C8884)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Marzu 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ seba` u disghin Liri Maltin u erba` u disghin centezmu (Lm97.94), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-17 ta' April 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' seba` u disghin Liri Maltin u erba` u disghin centezmu (Lm97.94), bl-imghaxijiet legali u bl- ispejjez ta' dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta kif mitlub fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------